DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-KULTURA, L-ARTIJIET U L-GVERN LOKALI

# DOKUMENT TA' *POLICY* dwar DEVOLUZZJONI LOKALI

## *Policy* u Proċedura għal Applikazzjonijiet biex tiġi amministrata Proprjetà Pubblika

**Emendata - Lulju 2025**

## 1. **Introduzzjoni**

1.1. F'lokalitajiet madwar Malta u Għawdex jinstabu diversi proprjetajiet pubbliċi li huma:

* mitluqa u/jew mhux żviluppati

jew

* użati ħażin jew li jistgħu jiġu żviluppati aħjar

jew

* b'xi mod relatati ma' xi funzjoni ta' Kunsill Lokali skond is-subartikolu 33 (1), Funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali tal-Att dwar Gvern Lokali.

1.2. Il-Gvern Ċentrali jirrikonoxxi l-importanza tad-devoluzzjoni lokali fuq proprjetajiet pubbliċi, fejn il-Kunsilli Lokali jingħataw l-opportunità li jamministraw siti jew proprjetajiet pubbliċi li jaqgħu taħt il-kriterji msemmija f'paragrafu 1.1. Id-Devoluzzjoni lokali hija għodda strumentali li ssaħħaħ l-funzjonijiet u responsabbilitajiet tal-Kunsilli Lokali, bl-għan ewlieni li jkunu f'pożizzjoni aħjar fl-impenn tagħhom li jinvestu u jiżguraw is-sostenibbiltà' għall-benessere tar-residenti tagħhom.

1.3. L-iskop ta' din il-*policy* huwa li tirregola u fl-istess ħin tiffaċilita l-proċess sabiex Kunsill Lokali jkun f'pożizzjoni li japplika għall-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika mal-Awtorità tal-Artijiet.

## 2. **Kundizzjonijiet li Kunsill Lokali għandu josserva qabel japplika għall-Amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika**

2.1. Kunsill Lokali jista' japplika sabiex jamministra sit/proprjeta' li tinsab fil-Lokalità tiegħu, li taqa' taħt waħda mill-kriterji msemmija f' paragrafu 1.1, u li, bħala riżultat tat-twettiq tal-proġett preżentat mill-Kunsill stess, dik il-proprjeta' tiġi użata għal skop u/jew mezz aħjar milli kienet qed tintuża qabel.

2.2. Kunsill Lokali li jkun irid japplika biex jamministra proprjetà pubblika għandu jkollu għan speċifiku għall-użu futur ta' dik il-proprjetà, għan li jista' jkun soċjali, kulturali, turistiku, ta' tkabbir ta' faċilitajiet, kumplimentari mad-doveri legali tal-Kunsill Lokali jew li b'xi mod ieħor jgħin fl-amministrazzjoni tal-lokalita' jew fil-ħidma li jixtieq iwettaq il-Kunsill Lokali.

2.3. Kunsill Lokali li jkun irid japplika biex jamministra proprjetà

pubblika għandu jiżgura li jippreżenta proġett li hu vijabbli kemm finanzjarjament kif ukoll amministrattivament.

2.4 Kunsilli Lokali jistgħu japplikaw biex jamministraw proprjetà pubblika f'isimhom biss.

2.5. Kunsilli Lokali li jingħataw titolu legali fuq il-proprjetà pubblika mgħoddija lilhom jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni temporanja lil terzi persuni biex jużaw din il-proprjetà jew parti minnha. Dan ikun jista' jsir biss wara li jinkiseb il-permess relattiv mill-Awtorità tal-Artijiet u dejjem wara sejħa għall-offerti maħruġa u s-sottomissjoni ta' *bye-law* (fejn applikabbli) skond Kapitolu 363, Att dwar il-Gvern Lokali.

## 3. Proċedura ta' l-Applikazzjoni

3.1. Il-proġett u l-ispiża marbuta mal-proġett (fejn applikabbli) għandhom jitressqu quddiem il-Kunsill għad-diskussjoni u għall-approvazzjoni.

3.2. Kemm-il darba l-Kunsill japprova l-proġett u l-ispiża finanzjarja, il-Kunsill Lokali għandu jissottometti l-formola tal-applikazzjoni (annessa bħala Appendiċi I ma' din il-*policy*) lid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn ikun irrid jindika:

a. L- indirizz tal-proprjetà/sit pubbliku relattiv
b. F'liema kriterja taqa' l-proprjetà/sit skond artiklu 1.1
ċ. L-użu fil-preżent tal-proprjetà jekk il-Kunsill ikun jaf
d. L-għan li għalih il-Kunsill irid juża l-proprjetà/sit
e. Deskrizzjoni qasira tal-proġett propost fuq din il-proprjetà
f. Jekk il-proprjetà hijiex se tiġi amministrata mill-Kunsill biss jew hux il-ħsieb li jsir xi sħubija ma' terzi jew hux il-ħsieb li l-proprjetà tiġi sullokata (kollha jew parti) lil terzi
g. Jekk il-proġett propost fuq il-proprjetà m'għandux ħsieb li jinvolvi spejjeż jew
ġ. Jekk il-proġett propost fuq il-proprjetà jinvolvi spejjeż u l-finanzjament ġie kkonfermat li ħa jitħallas kompletament minn xi Ministeru jew entità oħra jew
għ. Jekk il-proġett jinvolvi funzjoni statutorja fejn l-ispejjeż ser ikunu koperti bl-allokazzjoni finanzjarja tal-istess Kunsill li ma tinvolvix spejjeż ta' aktar minn €50,000 jew
h. Jekk il-proġett ma jaqax taħt artikli ġ,h,i.

3.3. Il-Kunsill Lokali għandu japplika formalment fuq il-formola mehmuża bħala Appendiċi I ma' din il-*policy* u magħha jissottometti d-dokumenti hekk kif indikat hawn taħt:

3.3a. Kunsill Lokali li ddikjara li l-proġett jaqa taħt Artikli 3.2 ġ,h & i jkun irid jehmeż mal-formula:

- Kopja tal-MINUTI APPROVATI jew RIŻOLUZZJONI tal-Kunsill iffirmati fejn qed japprova li ssir it-talba għall-Amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika, inkluż l-APPROVAZZJONI TAL-FINANZJAMENT għall-ispiża involuta fejn applikabbli
- SITE PLAN li tindika fejn jinsab is-sit/ proprjetà
- RITRATTI attwali tas-Sit/Proprjetà
- PJAN TA' AZZJONI ta' kif ħa jiġi mplimentat il-proġett fejn applikabbli
- DIKJARAZZJONI mill-Accountant tal-Kunsill Lokali li l-proġett ma jippreġudikax b'mod negattiv il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill u l-kapaċità tiegħu li jwettaq il-funzjonijiet statutorji tiegħu
- KONFERMA bil-miktub tal-fondi, mill-entità li ser tiffinanzja l-ispiża jekk il-proġett jaqa' taħt Artiklu 3.2h.

3.3b Kunsill Lokali li ddikjara li l-proġett jaqa' taħt Artikli 3.2 j jew id-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy jidhirlu li hemm bżonn ta' evalwazzjoni ulterjuri, jkun irid jehmeż mal-formula:

- Kopja tal-MINUTI APPROVATI jew RIŻOLUZZJONI tal-Kunsill iffirmati fejn qed japprova li ssir it-talba għall-Amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika, inkluż l-APPROVAZZJONI TAL-FINANZJAMENT għall-ispiża involuta
- SITE PLAN li tindika fejn jinsab is-sit/ proprjetà
- RITRATTI attwali tas-Sit/Proprjetà
- DIKJARAZZJONI mill-*Accountant* tal-Kunsilli Lokali li l-Kunsill jinsab f'pożizzjoni finanzjarja stabbli u kapaċi jonora l-obligazzjonijiet finanzjarji tal-proġett propost. Tali dikjarazzjoni għandha tindika fejn hu elenkat il-proġett

propost fil-business plan kurrenti

- KOPJA tal-*Business Plan* u l-*Annual Budget* li jirriflettu l-ispiża tal-proġett propost
- PJAN TA' AZZJONI ta' kif ħa jiġi mplimentat il-proġett
- *FINANCIAL FEASIBILITY STUDY* (li jkopri d-dħul u l-ħruġ finanzjarju) li juri l-ispiża totali tal-proġett fuq ta' dan is-sit/propjeta'. Id-dettalji tal-finanzjament għandhom jinkludu l-introjtu u spejjeż oħra marbuta mal-proġett u tinkludi kull attività oħra minn TERZI jekk applikabbli
- FORMOLA GĦALL-EVALWAZZJONI FINANZJARJA (annessa bħala Appendiċi II ma din il-*policy*)

Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali tirriserva d-dritt li titlob kull dokument ieħor relatat.

3.4. Il-formula flimkien mad-dokumenti għandha tintbagħat lid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fuq l-indirizz elettroniku app.dlg@gov.mt .

## 4. Evalwazzjoni

4.1. Kull talba li ssir tiġi evalwata mid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

4.2. Għaldaqstant, dawk l-applikazzjonijiet li jaqgħu taħt Artikli 3.2(j) jew id-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* jidhirlu li hemm bżonn ta' evalwazzjoni ulterjuri jiġu evalwati wkoll mid-Direttorat għall-Konformità tal-Finanzi u l-Akkwist.

4.3. Kull proġett li jirrigwardja amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika għandu jiġi approvat mid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali.

4.4. Waqt li kull applikazzjoni tiġi kkunsidrata fuq il-mertu tagħha u jittieħdu in kunsiderazzjoni aspetti finanzjarji, legali, soċjali u ambjentali, dawk l-applikazzjonijiet li jaqgħu taħt Artiklu 3.2 (j) jew id-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy jidhirlu li hemm bżonn ta' evalwazzjoni ulterjuri, jiġu kkunsidrati wkoll fid-dawl tal-likwidita' finanzjarja u l-vijabilità kummerċjali tal-Kunsill.

4.5. Kemm –il darba l-proġett ikun aċċettat, il-Kunsill Lokali jiġi nfurmat formalment sabiex ikun f'pożizzjoni li japplika għat-talba ta' devoluzzjoni għall-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika mal-Awtorità tal-Artijiet (Aktar dettalji rigward l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet jinsabu fil-Linji Gwida annessa ma' dan id-dokument bħala Appendiċi III).

4.6. Kemm –il darba jkun jidher li l-proġett ma jistgħax jiġi aċċettat, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali tikkonsulta mal-Kunsill Lokali biex tara jistgħux isiru xi emendi u jekk l-evalwazzjoni tibqa' tkun negattiva, l-Kunsill Lokali jingħata tweġiba formali bir-raġunijiet tar-rifjut.

## 5. Kundizzjonijiet li Kunsill Lokali għandu josserva wara l-approvazzjoni tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali

5.1 Il-Kunsill Lokali jintrabat li hekk kif jiġi nnotifikat mill-Awtorità tal-Artijiet bid-deċiżjoni, għandu mmedjatament jinforma lid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Għandna tintbagħat l-ittra ta' l-aċċettazzjoni mibgħuta mill-Bord tal-Governanza tal-Awtorità tal-Artijiet;

5.2 La darba jiġi ffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità tal-Artijiet, il-Kunsill Lokali huwa obbligat li fiż-żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt jibgħat kopja tiegħu lid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*;

5.3. Hekk kif jiġi eżegwit il-kuntratt finali bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Kunsill Lokali, il-Kunsill Lokali jkun obbligat illi jibgħat rapport ta' progress kull sitt xhur tax-xogħlijiet li jkunu qed isiru lid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* dwar il-proġett li għalih ingħata l-amministrazzjoni tal-art pubblika.

5.4. Il-Kunsill Lokali huwa wkoll obbligat li jżomm rekord separat tad-dħul u l-ħruġ rikorrenti relatati mal-proġett, aparti mill-kontijiet l-oħra tiegħu. Darba fis-sena, għandu jissottometti dawn id-dokumenti lid-Direttorat għall-Konformità tal-Finanzi u l-Akkwist, flimkien ma' rapport annwali li jqabbel l-infiq attwali ma' dak proġettat;

5.5. Kunsill Lokali huwa obbligat li jimxi strettament mal-

provvedimenti tal-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap 363), mar-Regolamenti dwar l-Akkwist u dawk Finanzjarji, xi liġijiet oħra relevanti, kif ukoll huwa obbligat li jottjeni kwalunkwe permessi u/jew liċenzji li jistgħu jkunu meħtieġa in konnessjoni mal-proġett fuq is-sit/proprjetà devoluta lilu;

5.6 Kunsill Lokali huwa responsabbli għal kull azzjoni li jieħu fuq is-sit/proprjetà devoluta lilu. Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali teżonera ruħha, mir-responsabbilità f'każ ta' nuqqas min-naħa ta' Kunsill Lokali li jonora xi liġi jew kundizzjoni msemmiha fil-ftehim iffirmat bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Kunsill Lokali.

## 6. Appendiċi

I. Formola tal-Applikazzjoni;

II. Formola għall-Evalwazzjoni Finanzjarja

III. Linji Gwida